# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 8 ta' Mejju, 2024**

**Numru 4**

**Rikors Numru 1222/18 TA**

**Rudolph Anthony Bonnici (I.D. 388871 (M))**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Limited (C 27581)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti ppreżentat fis-6 ta Diċembru 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*"1. Illi l-attur kien u ghadu mpjegat mal-konvenuta bhala "Equipment Operator F1/Deckman".*

*2. Illi nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), l-attur kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol, liema incident sehh unikament u esklussivament minhabba htija, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' diligenza u ta' osservanza ta' regolamenti u ligijiet da parti*

*tal-konvenuta.*

3. *Illi b'konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi, l-attur soffra debilita' permanenti, kif ukoll danni emergenti u telf ta' lukri, kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

4. *Illi l-konvenuta, minkejja li giet debitament interpellata sahiex tersaq ghal-likiwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni subiti mill-attur, baqghet inadempjenti.*

5. *Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.*

6. *Illi l-attur jiddikjara li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni u provvediment ulterjuri, joghgobha:*

*(i)* *Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur garrab hsarat u danni bi htija tal-konvenuta f'incident li sehh nhar l-erbatax (14) fta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fuq il-post tax-xoghol, u dan stante htija, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' diligenza u ta' osservanza ta' regolamenti u ligijiet da parti tal-konvenuta;*

*(ii)* *Tillikwida l-hsarat u d-danni mgarrba mill-attur, occorrendo previa l-opera ta' periti nominandi;*

*(iii)* *Tikkundanna lill-konvenuta thallas il-hsarat u d-danni kif likwidati lill-attur, bl-imghaxijiet skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 1448/2019, kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tal-konvenuta fi procedura gudizzjarji."*

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' intimata Malta Freeport Terminals Limited (C 27581) ippreżentata fl-1 ta' Frar 2019 u li permezz tagħha eċċeppiet is-segwenti:

"*1. Preliminarjament, illi s-socjeta eccipjenti ma ghandha ebda responsabilita' ghall-akkadut;*

*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall premess, Malta Freeport Terminals Limited dejjem ottemprat ruhha mal-ligi u ma naqset mill-ebda obbligu taghha u kwini ma tistax tinzamm responsabbli ghall-allegat danni;*

*3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' esponenti ipprovdiet sorveljanza adegwata fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk ma naqsitx milli tizgura a safe system of work u/jew a safe work environment skond l-obbligi u d-dmirijiet taghha ai termini tal-Ligi;*

*4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent irid jipprova l-allegat danni sofferti minnu;*

*5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu mixhuda bl-ispejjez;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*In sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet, is-socjeta' esponenti tiddikjara:*

1. *Illi l-attur huwa impjegat maghha;*

2. *Illi Malta Freeport Terminals Limited qatt ma naqset mill-obbligi taghha sabiex tizgura a safe system of work u/jew a safe work environment;*

3. *Illi kwindi, l-istess socjeta' eccipjenti m'ghandha l-ebda responsabilita'*

> *ghall-allegat incident li sehh fl-14 ta' Mejju 2016 u li ta lok ghal din il-kawza*."

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Jannar 2024 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punt ta' fatt</u>**

Huwa fatt mhux kontestat illi r-rikorrenti hu impjegat mas-soċjeta' intimata u ilu hekk impjegat mill-1993 u kien għadu hekk impjegat tul il-proċess tal-kawża.

Ma hux anqas kontestat bejn il-partijiet illi seħħ inċident fl-14 ta' Mejju 2016 fejn ir-rikorrenti allegatament sofra xi danni fiżiċi. F'dan l-inċident l-Attur kien qiegħed jopera crane għoli.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

F'dan il-każ ser ikun meħtieġ li tiġi eżaminata r-reponsabbilta ta' kull parti għal dan l-inċident fatali.

In primis irid jingħad is-segwenti:

Ġie kemm-il darba ritenut li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem jew ta' min ikun responsabbli lejn ħaddiem, huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku. (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tas-sena 2000 Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta).

Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18). Huwa dmir għalhekk ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "*a safe system of work*", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - u dan skond l-Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994, Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nomine tat-12 ta' Frar 1999**).

Dawn il-Qrati jelenkaw b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Fost dawn dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess (Art. 2(2)(c) Att VII tal-1994 u ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs-**

**Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla tal-31 ta' Ottubru 2013**).

Aktar minn hekk issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Carmelo Fenech -vs- Malta Freeport Terminals, Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef tas-16 ta' Mejju 2019** fejn ġie osservat hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16). B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara App. Ċiv. 28.4.2017 fil-kawża fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et);*".

B'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li

l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Art. 6(3) tal-Kap 424).

Daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (ara **Sentenza tad-9 ta' Settembru 1981 tal-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Dan ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-10 ta' Ottubru 1980 fl-ismijiet Calleja vs Fino**).

Apparti dan irid jingħad li hemm ukoll grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424). Għalhekk għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent

għal dak li jkun qiegħed jagħmel (Ara **Sentenza tal-Prim Awla tat-30 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Richard Farrugia vs Elbros Construction Ltd**). Minn naħa l-oħra l-ħaddiem għandu dejjem ikun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imħallef Tonio Mallia tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia -vs- Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

Irid ukoll jingħad li f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-posizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-**ktieb Occupational Health & Safety Law ta' Brenda Barrett et 3rd Edit. 1997 paġna 28,** intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract.*" Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu mbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol:

*"Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione guirisprudenziale*

*che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular lincolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato*" (**Giovanna Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 11**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**Konsiderazzjonijiet**

Sabiex ikun determinat jekk l-Attur huwiex dovut xi danni mis-soċjeta' konvenuta, l-ewwelnett irid ikun determinat jekk is-soċjeta' konvenuta hiex responsabbli għall-inċident illi wassal sabiex ir-rikorrenti sofra danni fiżiċi.

It-tluq tat-test sabiex din il-Qorti tiddetermina jekk is-soċjeta' konvenuta hiex responsabbli huwa billi l-Qorti tħares lejn l-Att Dwar l-Awtorita' Għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fost ohrajn f'artikolu 6 (1) tal-imsemmija Liġi jipprovdi illi "*Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem*."

F'dan ir-rigward, il-Qorti fis-sentenza ***Mario Galea detentur tal-karta tal-identita` numerata 29064 (M) vs (1) Malta Freeport Terminals Limited (C27581) (2) John Aquilina ID 513080M*, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2021,** qalet illi "*Min ihaddem ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu s-sit fejn ikun se jibghat il-haddiema tieghu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konducenti ghal perikli ghas-sahha tal-haddiema tieghu. Huma dover ta` min ihaddem li jispezzjona l-post, jevalwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jaghmel ix-xogholijiet mehtiega biex inehhi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min ihaddem ghandu jirrifjuta jesegwixxi x-xoghol u jesponi l-haddiema tieghu ghal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Montanaro Gauci", deciza fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'"." (Mayor Scicluna v. TN Waterproofing Ltd, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 20 ta' April 2007; ara wkoll Katerinu Farrugia vs Tabib Principali tal-Gvern et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 15 ta' Marzu 2017; Raymond Zarb vs Industrial Projects Services Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla 26 ta' Mejju 2016).*"

Għaldaqstant, skont l-insenjament tal-Liġi u l-ġurisprudenza, f'dan il-każ, il-punt li għandu jkun determinanti sabiex il-Qorti tifhem jekk is-soċjeta' konvenuta hiex responsabbli għad-danni fiżiċi sofferti mill-attur huwa li tifhem u tifli x'ġara dakinhar tal-inċident.

Skond ix-xhieda u evidenza dokumentarja ppreżentata tul il-proċess, jidher illi hemm żewġ verżjonijiet illi jikkuntrastaw lil xulxin ta' x'seta ġara dakinhar tal-inċident u dan għaliex kien hemm ir-rapporti tas-security u tan-nurse illi qalu li kien hemm sudden stop u persuni oħra, inkluż l-Attur, illi allegaw illi ma kienx hemm sudden stop mill-krejn.

Paul Borg, li jaħdem bħala senior operator mas-soċjeta' intimata, xehed fil-25 ta' Mejju 2022, illi jekk il-kontejner jeħel mal-hatch cover ma jkunx sudden stop (a' fol 522). Paul Borg, reġa' xehed fid-dettall fuq meta tista' sseħħ sudden stop fid-9 ta' Jannar 2023, u xehed illi "*Ijja jigifieri sudden stop ahna jieqaflek it-trolley, jieqaf il-krejn. Issa, hemm tliet affarijiet li jista' jigrilek bih. Jew jaghti fault fil-krejn, jew tinghafas l-emergency system jew jinqata' d-dawl*." (a' fol 539A). F'każijiet oħra, allura, ma jkunx hemm sudden stop u din hija t-tieni verżjoni.

Din it-tieni verżjoni hija l-aktar waħda verosimili. Il-Qorti trid bilfors mill-ewwel tirreferi għal dak li ddikjara ir-rikorrenti stess, fl-affidavit tiegħu ippreżentat fil-15 ta' April 2019, fejn qal illi "*Hekk kif kont qed innizzel kontejner tal-ghoxrin pied (20'), il-kontejner strah minn naha l-wahda ma twistlock fitting socket outlet tal-hydrolic hatch cover*." (a' fol 65). Kien hemm diversi persuni oħra li xehdu tul il-kawża u wkoll qalu li ma kienx hemm sudden stop, fost dawn kien hemm is-segwenti persuni:

1. Dr. Duncan Borg Myatt, ir-rappreżentant legali tas-soċjeta'

intimata, xehed fit-3 ta' April 2019, illi "*M'ahniex responsabbli ghaliex l-ewwel haga din allegazzjoni illi kien hemm a sudden stop. Jien mhux neskludi, ma nghidx illi gol-Freeport qatt ma saru dawn is-sudden stops pero' meta kellna sudden stops l-impjegat qatt ma mar il-clinic u rega' tela' fuq il-crane jahdem*" (a fol. 54).

2. Jason Bilocca, li dakinhar kien xogħol mar-rikorrenti bħala deckman waqt li r-rikorrenti kien xogħol fuq il-krejn, xehed fis-6 ta' Mejju 2019, illi "*Kellu accident Rudolph li konna nezlin b'containers tal-ghoxrin gol-below u wehhillu mal-custom corner tal-hatch cover.*

   *Dr. Pierre Lofaro: Ehe u x'gara?*

   *Xhud: Caqlaqna il-vapur u izzerzaq il-container*." (a' fol 117).

Għalhekk jidher illi meta ma jkunx hemm sudden stop, wieħed ma jistax awtomatikament jallega illi kien hemm xi irresponsabbilita' min-naħa ta' min qed iħaddem.

Issa ġjaladarba ġie determinat illi ma kienx hemm sudden stop, allura irid isir studju iktar fil-profond sabiex wieħed jifhem jekk is-soċjeta' intimata setgħetx kienet traskurata u naqset milli tapplika d-diliġenza minnha mistennija skond il-Liġi b'dan wieħed irid iħares lejn kif seħħ l-inċident.

Ir-rikorrenti stess, fl-affidavit tiegħu ippreżentat fil-15 ta' April 2019, qal illi l-inċident seħħ minħabba erba' fatturi:

1. Riħ qawwi fil-ġurnata tal-inċident, u ċioe' fl-14 ta' Mejju 2016;
2. Id-daqs żgħir tal-vapur;
3. Il-krejn QC31 hu krejn għoli sabiex jaħdem mal-imsemmi vapur;
4. Is-seat tal-krejn mhux addattat sabiex taħdem fuqu. (a' fol 65)

Biss pero', f'dan il-każ is-soċjeta' intimata ippruvat b'diversi modi illi hi ma kienitx responsabbli għall-inċident li sofra r-rikorrenti fuq is-segwenti premessi:

1. <u>Riħ qawwi fil-ġurnata tal-inċident, u ċioe' fl-14 ta' Mejju 2016</u>

Stephen Calleja, li jaħdem bħala operations manager mas-soċjeta' intimata xehed fl-10 ta' Ġunju 2021 illi "*It-temp dakinhar kien qieghed bejn 12 to 15 knots...Jigifieri huwa normali li jinhadem b'dak it-temp*." (a' fol 363A). Spjega wkoll li hemm proċedura ta' kif jitkejjel ir-riħ u anke x'jiġri meta jkun tant riħ illi l-ħaddiema ma jkunux jistgħu jaħdmu.

Ivan Curmi, li hu inġinier mas-soċjeta' intimata, xehed fil-25 ta' Mejju 2022, illi "*Jidher li l-wind speed irrapurtat minn Hal Luqa, il-wind speed kien 16 miles per hour. 16 miles per hour jigi forza 4. Ahna nibqghu nahdmu sa forza 7.... Milli qed nara kien rih normali hafna li nahdmu minghajr l-ebda restrizzjonijiet. Milli qed nara*." (a' fol 483).

Inoltre', Massimo Ancilleri, li jaħdem bħala Operations Manager mas-soċjeta' intimata, ippreżenta dokumentazzjoni uffiċjali kemm kien ir-riħ

dakinhar tal-inċident (a fol. 431). Dan anke xehed, illi "*Dakinhar kien maximum ta' sixteen. Dak il-hin ta' l-incident infatti qieghed highlighted isfel kien fourteen miles per hour. Li huwa daqsxejn inqas minn light breeze....issa kif ghedtlek sinjur, biex il-krejn jieqaf irid ikun forty nine miles per hour ghal ghaxar sekondi shah biex il-krejn jieqaf bir-rih....wara li ccekjajna ma l-engineering wara li ma kienx ir-rih, li l-krejn huwa tajjeb, li l-krejn l-engineering ikkonfermawlna li huwa tajjeb, fl-opinioni tieghi, skond l-esperjenza tieghi, jien nghid li kien zball uman*." (a' fol 421)

Dan ifisser li teżi tal-Attur inkwantu l-aspett tar-rih ma kellha ebda bażi fattwali.

2. <u>Id-daqs żgħir tal-vapur</u>

Stephen Calleja, li jaħdem bħala operations manager mas-soċjeta' konvenuta, xehed fl-10 ta' Ġunju 2021, illi "*il-vapur ehe dahal drabi qabel*." (a' fol 363A)

Minbarra illi dan il-vapur daħal diversi drabi qabel Malta, l-istess Stephen Calleja, li jaħdem bħala operations manager mas-soċjeta' intimata, xehed u spjega fil-25 ta' Mejju 2022, illi "... *li kieku l-vapur ma kienx qieghed safe, kieku l-kaptan ma kienx ha jaccetta li l-pilot jinzel minn abbord, ghaliex il-pilot qabel ma jkun il-vapur full secured, il-pilot once ittrakka mal-moll, il-kaptan ma jaccettahx .... bilfors irid ikollok naqra flessibbilta' .... minhabba ghax inti, hu x'inhu inti ghandek xi haga fluwida*." (a' fol 514

u 515).

Għalhekk anke f'dan ir-rigward l-Attur ma għandux raġun.

3. Il-krejn QC31 hu krejn għoli sabiex jaħdem mal-imsemmi vapur

L-ewwel nett, punt kruċjali li jrid ikun iċċarat hu, illi dan il-krejn hu ċċertifikat skond il-Liġi li jista' jaħdem. Fil-fatt, Mario Delicata, li kien Health and Safety Officer mas-soċjeta' intimata fid-data tal-inċident, xehed fit-3 ta' Lulju 2019, illi "*Huma EC certified il-cranes*." (a' fol 196) Ivan Curmi, enġinier li jaħdem mas-soċjeta' intimata, ukoll xehed fil-21 ta' Ottubru 2021, illi "*dal-krejn huwa, ic-certifikat ..... dan ic-certifikat sar ... fit-tmintax ta' Dicembru, two thousand fifteen .... it-tieni certifikat huwa dikjarazzjoni minn min hadem il-krejn li l-krejn jikkomplajnja mal-machinery directive*." (a' fol 372)

Inoltre', mix-xhieda ta' Massimo Ancillieri, jidher illi din ma kinitx l-ewwel darba illi vapur żgħir jinħadem mal-imsemmi krejn. Fil-fatt, Massimo Ancillieri xehed fil-25 ta' Mejju 2022, is-segwenti:

"*Dr. Pierre Lofaro: ... Issa, x'tip ta' krejn suppost jintuza bhala operations manager?*

*Xhud: X'tip ta' krejn? Kwalunkwe krejn, kwalunkwe krejn ma naghmlux distinzjoni liema krejn.*

*Dr. Pierre Lofaro: Ma taghmlux imma huwa preferibbli li jintuza krejn zghir?*

*Xhud: Jista' jkun iva imma ma naghmlux distinzjoni.*

*Dr. Pierre Lofaro: Meta jkun*

*Xhud: Meta jkollna birthing, biex nispjega lis-Sinjur u lil kulhadd il-birthing, tajjeb, nircievu x-schedule minghand il-klijent u mmexxu u naghmlu, u nfasslu l-birth plan nippreparaw fejn hu l-moll u fejn huma l-affarijiet u nfasslu skont il-hin u d-data li jtina l-klijent fuq il-vapur li jkun gej. Ma nistghux ahna ghax dahlu vapur zghir u ghandna l-ispazju, l-ispazju mal-moll, ma ndahlux il-vapur ghax il-vapur huwa kemmxejn zghir. Qatt ma ghamilna hekk u lanqas issa qatt ma naghmlu hekk*." (a' fol 50)

Ukoll, verament importanti x-xhieda ta' David Abela, li jaħdem bħala operations clerk mas-soċjeta' konvneuta, u li dakinhar tal-inċident kien qed jaħdem bħala clerk mar-rikorrenti, fejn xehed fl-4 ta' Diċembru 2019, illi dakinhar tal-inċident kienu diġa' għabbew kontejners oħra fuq il-vapur waqt li kienu qed jużaw l-istess krejn qabel seħħ l-imsemmi inċident. (a' fol 312 ).

B'dan illi għaldaqstant hu ċar illi x-xogħol ma jippermettix li għax vapur żgħir ma jintużax dan l-imsemmi krejn. Ir-rikorrenti ukoll ma ġabx prova illi tali atteġġjament hu inaċċettabbli u jmur kontra s-sigurta' li titlob il-Liġi, u dan meta l-Qorti tikkunsidra li r-rikorrenti għażel li jibqa' jagħmel tali xogħol anke sal-ġurnata tal-lum.

4. <u>Is-seat tal-krejn mhux addattat sabiex taħdem fuqu.</u>

Jason Bilocca, li dakinhar kien xogħol mar-rikorrenti bħala deckman, xehed fis-6 ta' Mejju 2019, illi fil-krejn ikunu marbuta b'seatbelt min qaddhom (a' fol 119). B'dan illi pero' Mario Coleiro, F1 Operator bħar-rikorrenti u ukoll rappreżentant tal-health and safety tal-operaturi tal-krejnijiet, xehed fit-3 ta' Ġunju 2019, illi "*L-ewwelnett ma jilbsux is-seat belt*." (a' fol 145).

Mario Delicata, li kien Health and Safety Officer mas-soċjeta' intimata fid-data tal-inċident, xehed fit-3 ta' Lulju 2019, illi s-seat tal-krejn QC31, hu ta' posture tajba u reach eċċellenti u spjega wkoll fid-dettal għaliex sostna hekk (a' fol 204 sa 207). Ukoll, dan ikompli jixhed illi "*ma nistax nghid li dan is-seat huwa seat hazin*" (a fol. 206). L-operaturi nfushom ma ridux seats li jkunu marbutin magħhom b'iktar sigurta' (a fol. 207). Fil-fatt, Mario Delicata reġa' xehed fis-6 ta' Novembru 2019, illi li jkollok cut fis-seat jista' jkun ta' vantaġġ imma jekk seat ma jkollux tali cut ma jfissirx illi hu ħażin (a' fol 224). Fil-fatt reġa' xehed iktar tard, illi "*Li nista' nghid li s-seats li kien fuq il-gabini kienu safe*." (a' fol 229).

Ivan Curmi, enġinier li jaħdem mas-soċjeta' intimata, xehed fil-21 ta' Ottubru 2021, li "*min ghamel il-kabina u ghandi dikjarazzjoni li l-kabina u l-controls u l-control stations taghha, l-affarijiet ta' go fiha, jikkomplajaw ukoll mal-machinery directives*." (a' fol 373) Dan ix-xhud ghid ukoll illi s-seats inbidlu sabiex ikunu iktar komdi għall-ħaddiema (ukoll kif jidher mill-email a fol. 384).

B'hekk din il-Qorti tasal għall-konkluzjoni li l-asserzjoni tal-Attur li s-seat mhux addattat hija nfondata fattwalment.

Apparti dan kollu s-soċjeta' intimata mhux biss dejjem ħadet ħsieb is-sigurta' fuq il-post tax-xogħol fis-sens kif spjegat hawn fuq, imma għandha wkoll fis-seħħ metodi oħrajn illi jkomplu jsaħħu din is-sigurta' u dan billi:

1. Is-soċjeta' intimata ħadet il-prekawzjoni hekk kif irċeviet ir-rapport mediku li pprovda ir-rikorrenti illi ma jistax jagħmel affarijiet bażiċi. Fil-fatt, Dr. Duncan Borg Myatt, ir-rappreżentant legali tas-soċjeta' intimata, xehed fit-3 ta' April 2019, illi "*Ghidtlu jien jekk se noqghod li ghandi naghmel kif inhoss fuq ir-rapport mediku, jien ma nistax nippermettilek tibqa' tahdem ta' Crane Operator ghax inti ma tistax taghmel din il-lista ta' affarijiet*" (a fol. 50).

2. Il-krejnijiet huma attrezzati sabiex ma jkomplux jaħdmu jekk ikun qed iħoss illi hemm fault sabiex il-ħaddiem ma jweġġax. Jason Bilocca, li dakinhar tal-inċident kien xogħol mar-rikorrenti bħala deckman, xehed fis-6 ta' Mejju 2019, hekk:

"*Dr. Pierre Lofaro: ... Issa wara li gara l-incident, x'gara jigifieri? Komplejtu tahdmu? X'gara?*

*Xhud: Le le le kellna nirrapurtaw l-engineering ghax il-crane gie jaghti fault u ma jkunx jista' jahdem la lura, la 'l quddiem, la jmajna, la jinvira u*

*hekk.*

*Dr. Pierre Lofaro: Bid-daqqa jieqaf il-crane jahdem jigifieri jekk qed nifhem sew.*

*Xhud: Ezatt. Jieqaf. Itella' fault ahna nsejjhulu.*" (a' fol 119).

3. Mario Coleiro, F1 Operator bħar-rikorrenti, rappreżentant tal-health and safety tal-operaturi tal-krejnijiet, xehed fit-3 ta' Ġunju 2019, illi hemm klinika erbgħa u għoxrin siegħa kuljum fil-Freeport sabiex tassisti lill-ħaddiema li jweġġgħu waqt il-ħin tax-xogħol (a' fol 144)

Barra minn hekk, huwa ċar illi l-inċident seħħ tort tar-rikorrenti, hekk kif diversi persuni xehdu fuq informazzjoni fattwali, kif jidher hawn taħt:

1. Loris Scardino, li jaħdem bħala enforcement officer u PFSO mas-soċjeta' intimata, xehed fl-10 ta' Marzu 2022, b'dan il-mod:

"*Xhud: ....Mr Bonnici ghamel certu moviment fuq il-crane illi gara li l-container jislekkja u jiskossja.*

*Dr. Pierre Lofaro: Inti l-ahhar darba ghidt. Din importanti, ghidt illi issa l-Qorti staqsietek issa, hu kellu xi responsabbilta' fiha dik ghax wehel mac-cippa, mac-cappa. Ifhimni tehel container mac-cappa mhux suppost issir. Imbaghad il-Qorti qaltlek imma min suppost jara li dan ma jigrix? L-operator stess. L-operator dak li jkun fuq il-crane? Iva. Jigifieri hemm, inti qed tghid hawnhekk li t-tort ta' Rudolph?*

*Xhud: Imfhimni jiena qed nghid illi dak il-hin li gara l-incident, kien hemm*

*hmistax-il crane qed jahdmu u l-ebda operator iehor ma wegga', jigifieri huwa*

*Dr. Pierre Lofaro: Allura b'daqshekk*

*Xhud: Ma nistax jien inwegu skjettament ezattament*

*Dr. Pierre Lofaro: Imma hawnhekk qed tghid, qed timplika li kien tort*

*Xhud: L-evidenza kollha li ngabret tindika illi l-incident gara minhabba manuvra hazina ta' Mr Bonnici*.

...

*Qorti: Kif wasalt ghaliha din?*

*Xhud: Kellna r-rapport tas-security u tan-nurse, is-CCTV footage, il-mollijiet jibqghu hemm hemm, it-tul tal-vapur nafuh, nafu, hemm hafna informazzjoni*." (a' fol 449).

2. Ivan Curmi, wieħed mill-inġiniera li jaħdem mas-soċjeta' intimata, xehed fil-25 ta' Mejju 2022, xehed hekk:

"*Dr. Victor Scerri: ...Responsabbilta' ta min kien biex jara li l-container ma jehilx mal-hedge?*

*Xhud: Dan bhal meta qed insuq jien il-karozza responsabbli jekk qieghed mal-isteering.*

*Dr. Victor Scerri: U f'dan il-kaz min kien qed imexxi?*

*Xhud: Rudoph Bonnici*." (a' fol 480).

3. Ukoll, Mario Coleiro, F1 Operator bħar-rikorrenti u ukoll rappreżentant tal-health and safety tal-operaturi tal-krejnijiet, xehed fit-3

ta' Ġunju 2019, illi "*Issa int trid tipprova tidhol go sergajts....Capep. Ma jistax inehhihom ghax huma parti mill-hatch cover, qeghdin fissi*." (a' fol 137). B'dan illi Mario Coleiro iċċara illi tali ċapep huma parti mill-vapur u s-soċjeta' intimata qatt ma tista' taqla' dawn ic- ċapep.

4. L-istess huwa dak li xehed Paul Borg, senior operator mas-soċjeta' intimata, fejn xehed fl-10 ta' Ġunju 2021, illi "*il-manuvra trid tinzel bil-mod, issa f'dan il-kaz kellu hatch cover illi kienet hydraulic u kienet wieqfa, u hu u niezel laqat qisha l-corner casting nghidulhom ahna, u wehel maghha skont kif rajt ir-rapport*." (a' fol 363D). B'dan illi wkoll Stephen Calleja iċċara fix-xhieda tiegħu illi l-vapur jista' jkun ukoll jiċċaqlaq "*jekk inti anke bil-mod kif nizzilt il-container*" (a fol. 515).

5. Paul Borg xehed fl-10 ta' Ġunju 2021, illi kull ħaddiem ikun ittrenjat apposta għal kull sitwazzjoni mis-soċjeta' intimata. Fil-fatt, hu xehed is-segwenti:

"*Qorti: Inti bhala persuna li taghmel l-assessment, tippreparhom ghal dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet?*
*Xhud: Jiena fit-training idumu xahrejn, biex jaghmlu dax-xoghol. Fit-training dawn l-affarijiet nghidulhom fit-training*..." (a' fol 363E).

Finalment din il-Qorti tirrimarka wkoll illi wieħed ma jistax anqas jinjora l-fatt illi r-rikorrenti seta' ipprova b'mod ċar x'ġara eżatt dakinhar billi jitlob li jiġu esebiti kopji ta' CCTV footage, għalkemm setgħu ma jkunux ċari u

dan kif xehed Martin Darmanin, li hu impjegat fis-sezzjoni tal-investigazzjonijiet u enforcement mas-soċjeta' intimata, xehed fil-25 ta' Mejju 2022 ( a fol. 498).

F'dan ir-rigward issir referenza għas-segwenti bran tax-xhieda:

"*Dr. Pierre Lofaro: Meta jkun hemm injury, jitolbukom kopja tieghu?*

*Xhud: Gieli, ehe gieli jkun hemm kazi ehe jintalbu. Ehe*."

B'dan kollu l-Attur baqa' ma talabx li tiġi esebita kopja u dan minkejja li kien qiegħed jingħad mill-kumpanija li dak li ġara kien minħabba manuvra ħażina minn naħa tal-Attur u qed teċepixxi li hi ma għandha ebda tort għall-inċident inkwistjoni.

Il-Qorti tfakkar li l-prova tan-ness bejn dak li ġara u d-danni kawżati irid jagħmilha l-Attur. Strettament il-konvenut jista' ma jagħmel xejn. Biex ikun hemm lok għad-danni hu imprexxindibilment meħtieg li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. Hekk jinsab affermat illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante"* (**Sentenza fl-ismijiet Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et, Appell Kummercjali, tas- 6 ta' Frar, 1928**).

L-Attur għamel emfażi partikulari li dak li ġara kien tort tas-Soċjeta'

konvenuta minħabba l-għamla tas-siġġu li minn fuqu joperaw. Imma anke kieku stess li dawn is-siġġijiet għandhom ikunu aħjar u dan kif xehed tant tajjeb Mario Coleiro (a' fol 130 et sequens), il-Qorti xorta ma hiex konvinta li dan kien il-fattur li wassal għall-ħsara li sofra l-Attur.

Għaldaqstant huwa ċar illi s-soċjeta' intimata ma kellha ebda tort għall-inċident b'dan illi ma għandhiex twieġeb għad-danni sofferti mill-Attur.

## Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti** għar-raġunijiet hawn fuq premessi.

**Tillibera** lis-soċjeta' intimata minn kull osservazzjoni.

Bl-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**